## KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 72

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 24 ta' Ottubru 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

******* **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**72.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

72.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji. — Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**72.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 71**

72.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 71 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 71

**72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

72.3.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-pjanti ta' Misraħ Anton Agius (Għalqa ta' Kola) ser jitneħħew kollha fil-ġranet li ġejjin peress li jinsabu mkissrin u għaldaqstant qed ikerrhu l-ambjent taż-żona. — Pjanti ta' Misraħ Anton Agius

72.3.2 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1128/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Onor. Robert Cutajar esprima x-xewqa tiegħu li jiltaqa` mal-Kunsill. Il-Kunsill laqa` l-istedina u ġie deċiż li tali laqgħa ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2017 fis-6.15 ta' filgħaxija. — Laqgħa mal-Onor. Robert Cutajar

72.3.3 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-armar tat-toroq għal żmien il-Milied ser jiġu mixgħula l-Ħamis 7 ta' Diċembru 2017, peress li ż-żona li jarmaw l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp mhux possibbli tinxtegħel qabel minħabba l-*Christmas Market.* — Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

72.3.4 Is-Sindku informa l-laqgħa li peress li l-laqgħa tas-Sindki ser issir nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017, l-ikla tal-milied għall-Kunsilliera, il-membri taż-żewġ Kumitati Amministrattivi u għall-Amministrazzjoni tal-Kunsill ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2017 fit-8.00 ta' filgħaxija. — Ikla tal-Milied

**72.4 *Quarterly Financial Statements* (Lulju – Settembru)**

72.4.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Lulju – Settembru 2017. — *Quarterly Financial Statements* (Lulju – Settembru)

72.4.2 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Repor*t jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

72.4.3 Il-Kunsill innota s-sitwazzjoni finanzjarja pożittiva u fuq parir tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku ppropona li s-self bankarju li kien għamel il-Kunsill biex xtara l-uffiċċju amministrattiv jiġi magħluq immedjatament. B'hekk jiġu ffrankati ammont konsiderevoli ta' interessi li jlaħħqu 'l fuq minn €4,000. Issekonda din l-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ħlas ta' self bankarju

72.4.4 Fuq parir tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku ppropona li parti mill-flus li hemm fuq il-kont kurrenti jiġu mpoġġija fuq il-kont ta' tfaddil u ppropona wkoll li jinfetaħ kont fiss ta' sena jew aktar sabiex parti mill-flus mill-kont kurrenti jiġu mpoġġija f'dan il-kont fiss. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill — Trasferiment ta' flus mill-kontijiet bankarji

qabel unanimament.

**72.5 Għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz għat-Tindif u żamma ta' latrini pubbliċi fir-Rabat b'miżuri li jħarsu 'l-ambjent – RLC/T/0161/17**

72.5.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Stephen Borg, issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0160/17 tingħata lill-offerent *Progressive Solutions Ltd.*, peress li din kienet l-irħas offerta u li laħqet il-kriterji kollha mitluba.

Għażla tal-offerta għall-provvediment ta' Servizz għat-Tindif u żamma ta' latrini pubbliċi fir-Rabat b'miżuri li jħarsu 'l-ambjent – RLC/T/0161/17

**72.6 Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq, Tbattil u Tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* – RLC/T/0155/16**

72.6.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0155/16 tal-knis manwali tat-toroq, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra.

Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li dan il-kuntratt jiġi estiż b'sena oħra bil-kundizzjoni li jitijieb il-kwalità tas-servizz u bil-possibilità li jiżdied l-ammont ta' kenniesa minn tlieta għal ħamsa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda bil-kundizzjoni hawn fuq imsemmija.

Tiġdid tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* – RLC/T/0155/16

**72.7 Talba għal *Residents Parking Scheme***

72.7.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1002/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sa. Lorraine Tabone fejn qed titlob li l-*parking area* ta' Misraħ Anton Agius tiġi żona reservata għar-residenti biss.

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, fuq proposta tas-Sindku Charles Azzopardi, issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, l-Kunsill qabel li ma jilqax din it-talba sabiex ma jinħoloqx preċedent għal residenti ta' żoni oħra fil-lokalità.

Talba għal *Residents' Parking Scheme*

**72.8 Korsijiet tal-kompjuter – *EM Citizen & EM Health***

72.8.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1103/17** is-Sindku informa l-laqgħa li għal sena oħra l-kumpanija TCTC kienet qiegħda torganizza flimkien mal-Kunsilli Lokali korsijiet tal-kompjuter għall-adulti u anzjani, din is-sena bl-isem *EM Citizen U EM Health*. Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li bħal kull sena l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lill-komunità Rabtija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Korsijiet tal-kompjuter – *EM Citizen & EM Health*

**72.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduti numru 36 u 37**

72.9.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, seduti numru 36 u 37 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro issekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduti numru 36 u 37

**72.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru 37**

72.10.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, seduta numru 37 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru 37

**72.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

72.11.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 274 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 274

**72.12 Mozzjoni 0013/17 – 'Mozzjoni biex jiġi diskuss x'jista' jsir biex tiġi riżolta l-problema tad-dawl tal-lampi fil-Pjazza tal-Paroċċa'**

72.12.1 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona mozzjoni numru 0013/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Stephen Borg.

Waqt id-diskussjoni, il-Kunsill talab li ninfurmaw lill-kuntrattur sabiex temporanjament jeliminha d-dawl tal-pavimentar minn mal-arbli.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0013/17 – 'Mozzjoni biex jiġi diskuss x'jista' jsir biex tiġi riżolta l-problema tad-dawl tal-lampi fil-Pjazza tal-Paroċċa'

**72.13 Mozzjoni 0014/17 – 'Mozzjoni biex jiġi diskuss x'jista' jsir biex tiġi riżolta l-problema tal-għarar wara li tagħmel ix-xita fi Triq tat-Tabija u Triq Għajn Kajjet'**

72.13.1 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona mozzjoni numru 0014/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Stephen Borg.

Waqt id-diskussjoni, il-Kunsill talab li niktbu lill-Ministeru kkonċernat dwar dan l-inkonvenjent.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0014/17 – 'Mozzjoni biex jiġi diskuss x'jista' jsir biex tiġi riżolta l-problema tal-għarar wara li tagħmel ix-xita fi Triq tat-Tabija u Triq Għajn Kajjet'

**72.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

72.14.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Novembru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija. Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

72.14.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.05 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ............ ta'.......................... 2017

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**